K.L.B.L ./57/1/2010

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

Bye-Laws tal-2010 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenità (Kunsill Lokali Santa Lucija)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Santa Luċija għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* ta' l-2010 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' (Kunsill Lokali Santa Luċija), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal- *Bye-Laws* tal- 1997 dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' (Kunsill Lokali Santa Luċija), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-*Bye-Laws* prinċipali."

Bidu fis-seħħ.

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazetta.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mal-*Bye-Laws* prinċipali.

2. Fit-Tielet Skeda li tinsab mal-*Bye-Laws* prinċipali fit-Taqsima 3 tagħha intitolata "Drittijiet li għandhom jitħallsu għall attivitajiet li jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-Kunsill" għandha tiġi sostituta din it-Taqsima 3 ġdida li ġejja:

D 2

"Taqsima 3

(Ordinament 7.4)

DRITTIJIET LI GĦANDHOM JITĦALLSU GĦALL-ATTIVITAJIET LI JEĦTIEĠU AWTORIZZAZZJONI MILL-KUNSILL

Tip ta' Attivita'	Dritt Dovut
1. **KUMMERĊJALI**	
Photo sessions, reklami, mudellar, *fashion shows*, fieri u xi iffilmjar u kull produzzjoni li għandha x'taqsam miegħu	€250 għall-ewwel siegħa €60 għal kull siegħa li tiġi wara

Tip ta' Attivita'	Dritt Dovut
1. **KUMMERĊJALI**	
Funzjonijiet privati minn entitajiet kummerċjali meta l-ġnien ikun magħluq għall-pubbliku	€1500*
2. MHUX KUMMERĊJALI	
Photo sessions: l-Ewwel Tqarbina u Griżma	Mingħajr ħlas
Photo sessions: Pre-weddings u Għerusijiet eċċ.	€25
Plays, attivitajiet mużikali, letterarji, kulturali u *media productions* miftuħa għall-pubbliku mingħajr ħlas	€250*
Użu tal-ġnien għal attivitajiet relatati ma' attivitajiet filantropiċi	Mingħajr ħlas*
Użu ta' parti mill-ġnien għaċ-Ċerimonji taż- żwieġ	€150
Użu ta' parti mill-ġnien għal funzjonijiet privati bħal għerusijiet u magħmidiji	€500*
Funzjonijiet privati bħal *receptions* ta' tiġijiet u attivitajiet oħra bħalhom meta il-ġnien ikun magħluq għall-pubbliku	€1000*
Użu tal-parti tal-ġnien magħrufa bħala l-*Picnic Area* għall-*parties* tat-tfal	€200

*Dawn l-attivitajiet ikunu jeħtieġu garanzija bankarja ta' mhux anqas minn €1000 u mhux iżjed minn €2300 skond kull xorta ta` attivita`.".